MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2006

Numru 783/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**RODERICK MICALLEF**
**MATTHEW ZAMMIT**
**LIAM CAMILLERI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Roderick Micallef, 18 il-sena, iben Fritz Micallef u Susan Vella imwieled il-Pieta' fit-18.03.1988 u joqghod 439, Triq Amabile Sisner Pembroke jew 'Redintur Flat' Flat 2, Salvu Busuttil Street, San Gwann detentur tal-karta tal-Identita Nru. 0149888M

Lill Matthew Zammit, 19 il-sena, iben Carmelo Zammit u Pauline nee' Zammit imwieled il-Pieta' fit-03.10.1986 u joqghod Blk C Flat 9 Juno flats, Triq Juno Pembroke, detentur tal-karta tal-Identita Nru. 0466286M

U lill Liam Camilleri, 14 il-sena, iben Mario Camilleri u Judith nee' Falzon imwieled Pieta' 24.04.1992 u joqghod Blk 7 Flat No. 6, Triq l-Imhallef W. Harding, Pembroke, detentur tal-karta tal-Identita Nru. 228992M gew akkuzati:

Talli fis-6 ta' Gunju, 2006 ghall-habta tad-9.45 p.m. fi Triq Alamien Pembroke, bil-hsieb li jikkommettu reat, cioe bil-hsieb li jisirqu mutur jew oggetti minn mutur tal-Marka 'Piaggio Hexagon', li ghandu n-numru tar-registrazzjoni FBH-505, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom, liema delitt ta' serq li kieku sehh kien ikun aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu tas-Sur Raymond Attard.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok CL1 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputati kollha ammettew l-akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kkoperaw mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati Roderick Micallef u Matthew Zammit l-artikoli 41(1)(a), 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271, 278(2), 280(2) u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Liam Camilleri l-artikoli 37, 41(1)(a), 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271, 278(2), 280(2) u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Roderick Micallef, Matthew Zammit u Liam Camilleri, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputati, il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kkoperaw mal-Pulizija, l-eta' tenera tal-imputati u li fil-konfront tal-imputat Liam Camilleri japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputati Roderick Micallef u Matthew Zammit taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn millum u rigward l-imputat Liam Camilleri tillibera lill-istess imputat Liam Camilleri taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Roderick Micallef, Matthew Zammit u Liam Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------